5 ta' Novembru, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Beltram Camilleri** *versus* **Paolo Pace ne.**

**Ġudikat — "Bis in Idem" — "Causa Petendi" — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Appell.**

*Deċiżjoni li tippreġudika l-meritu, kif ukoll deċiżjoni li tifforma ġudikat għall-Qorti li tkun ippronunzjatha, b'mod li dik il-Qorti ma tistax tirrevokaha "contrario imperio", hija sentenza definitiva, u mhux digriet interlokutorju; u dan avvolja dik id-deċiżjoni tkun irriżervat il-kap ta' l-ispejjeż. Għaldaqstant appell minn deċiżjoni simili għandu jsir bil-forma preskritta mil-liġi fil-każ ta' appelli minn sentenza definitiva, u mhux permezz ta' rikors kif isir fil-każ ta' appelli minn digrieti interlokutorji.*

*Biex sentenza tifforma ġudikat mhux biżżejjed li jkun hemm l-"eadem res" u l-"eadem personae", imma huwa meħtieġ ukoll li jkun hemm l-"eadem causa petendi"; b'mod li jekk id-domanda tal-kawża li tiġi wara tkun diversa minn dik tal-kawża ta' qabel, dak ir-rekwiżit ma jirrikorrix, u ġudikat ma hemmx.*

*Aktar u aktar ma jirrikorrix dan ir-rekwiżit, u għalhekk ma hemmx ġudikat, meta l-azzjoni dedotta fil-kawża li ssir wara toriġina*

*minn fatt li ġara posterjorment għall-prolazzjoni tas-sentenza li hija pretiża li tikkostitwixxi l-ġudikat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, previa kull dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, wara li ppremetta illi fil-ġurnal "Patria", li tiegħu l-konvenut hu l-editur, fil-ħarġa nru. 109 tat-13 ta' Awissu 1949, il-konvenut ippublika fil-paġina 2 artikolu taħt it-titolu "Fil-Parlament—Diskors ta' l-Avv. J. M. Camilleri (kontinwazzjoni min-numru tas-6 ta' dan)", u fl-aħħar għamel Nota tad-Direzzjoni li biha ddikjara li "id-denunzja improvvizata tista' ma tkunx perfettament eżatta f'kull dettall, għax il-fatt ġara xi ħdax jew tnax-il sena ilu, imma hija sostanzjalment eżatta"; u illi, kif jidher mill-kliem tat-tieni kolonna fl-istess artikolu, dik id-denunzja kienet tikkomprendi, fost affarijiet oħra, (a) li l-attur kien ġie ċensurat quddiem il-Qorti, u ismu kien ġie kanċellat mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji, (2) li l-attur, bħala stralċjarju nominat, kien aċċetta "bribe" ta' £500, tawh £200 biss akkont, għamel kawża għat-£300 l-oħra li kien fadallu jieħu, il-kawża tilifha l-esponenti, u l-parti l-oħra għamlitlu kawża u rebħitlu dawk il-£200 li kien diġà rċieva; u illi dik in-Nota tad-Direzzjoni, li kkwalifikat bħala sostanzjalment eżatti dawk l-imputazzjonijiet, hija ta' dannu għar-riputazzjoni ta' l-attur, in kwantu m'huwiex veru li isem l-attur ġie kanċellat mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji, u lanqas li huwa qatt ġie azzjonat biex jirrestitwixxi l-istess £200; prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li b'dawk l-imputazzjonijiet, li l-konvenut iddikjara fl-imsemmija nota li huma sostanzjalment eżatti, ir-riputazzjoni ta' l-isem ta' l-attur sofriet ħsara; talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur, anki bħala linea ta' danni, jekk hemm bżonn, somma li tiġi ffissata u li ma teċċedix £400 skond il-liġi, u dana a kawża tad-dikjarazzjoni fuq magħmula taħt it-titolu u fil-parti tan-Nota tad-Direzzjoni. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi huwa jassumi r-responsabilità tal-malafama pretiża attribwita mill-attur bin-Nota tad-Direzzjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u konsegwentement jiddikjara illi, b'difiża tiegħu nnifsu, huwa jrid jipprova l-verità ta' dak li ġie asserit fl-istess Nota tad-Direzzjoni, u ċjoè illi "id-denunzja

improvvizata (ta' l-Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri) tista' ma tkunx perfettament eżatta f'kull dettall, għax il-fatt ġara xi ħdax jew tnax-il sena ilu, imma hija sostanzjalment eżatta'';

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April 1951, li biha ġie dikjarat illi l-konvenut ma jistax jagħmel provi kontra l-fatti li ġew enunċjati bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża ''Beltram Camilleri vs. Giovanni Gatt'', fl-14 ta' Jannar 1937, u rriżervat l-ispejjeż ta' l-inċident għas-sentenza finali; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif jidher min-nota tiegħu, il-konvenut eċċepixxa illi b'difiża tiegħu nnifsu huwa jrid jipprova l-verità ta' dak li ġie asserit fin-Nota tad-Direzzjoni miġjuba fl-aħħar, jew aħjar taħt l-artikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-attur jippretendi illi d-denunzja tal-fatti, jew parti minnha, miġjuba fl-imsemmi artikolu, u li l-konvenut jiddikjara li hija sostanzjalment eżatta, l-istess konvenut ma jistax b'difiża tiegħu jipprova l-verità tagħha, għaliex dawk il-fatti ġà ġew esklużi fid-dispożitiv tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Jannar 1937 fil-kawża fl-ismijiet ''Beltram Camilleri vs. Giovanni Gatt'', u għalhekk hemm ġudikat li għandu jkollu effikaċja u jestendi ruħu u jiġi rispettat mhux biss mill-partijiet f'dik il-kawża, imma wkoll mill-barranin, bħala aċċertament ta' effett ġuridiku bejn il-partijiet;

Illi fil-kawża fuq imsemmija l-attur, li kien ukoll attur fl-istess kawża, kien ippretenda u sostna li kellu ftehim ma' Giovanni Gatt, konvenut f'dik il-kawża, li bih dan kien intrabat li kellu jagħtih bħala kumpens ċertu ammont ta' flus. Gatt kien oppona għat-talba ta' l-attur billi ssottometta (1) illi l-ftehim li fuqu l-attur kien jibbaża l-azzjoni ma kienx jeżisti, u subordinatament (2) illi kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm kien null;

Bis-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Gatt, u hekk irrespinġiet it-talba ta' l-attur. U billi t-tieni deċiżjoni kienet subordinata għall-ewwel waħda, asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tagħha;

Minn dan jidher ċar li b'dik is-sentenza ġie espressament deċiż li qatt ma kien hemm bejn Giovanni Gatt u l-attur il-

ftehim li dan kien qiegħed jippretendi li kien sar bejniethom;

Illi dik is-sentenza, ladarba ma jistax jingħad li hija nulla, u ma hemmx kontestazzjoni li hi definitiva, għandha tittieħed u titqies, bi preżunzjoni "juris et de jure", li hija ġusta, u, skond l-adaġju antik, "res judicata pro veritate habetur" (Baudry Lacantinerie, Obbligazioni, para. 2665), "et pro veritate accipitur" (Laurent, Obbligazioni, Vol. XX, para. 1). L-awtorità tas-sentenza għandha l-effetti tagħha, speċjalment bejn dawk il-partijiet stess li bejniethom tkun pronunzjata. Hija ma tikkonferix ebda dritt lit-terzi u anqas kontra t-terzi barranin, għaliex "res inter alios judicatae neque emolumentum offerre his qui judicio non interfuerunt, neque praejudicium solent irrogare" (L. 2, Cod. quib. res judicatae non noc.);

Illi fuq dan il-prinċipju l-konvenut jissottometti li s-sentenza fuq imsemmija lilu ma tippreġudikahx, u li għalhekk huwa jista' jerġa' jagħmel provi biex bihom isostni li fil-fatt, għad li s-sentenza ddeċediet diversament, bejn l-attur u Giovanni Gatt kien hemm il-ftehim li f'dik il-kawża l-attur kien qiegħed isostni. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jistax isir. Kif eċċezzjoni ġà respinta b'ġudikat ma tistax tiġi riproposta b'appoġġ ta' provi ġodda (Coen, Cosa Giudicata, no. 320), hekk ukoll sentenza liberatorja jew kundannatorja, ma tistax *tiġi riproposta* bi provi ġodda; wisq anqas bl-istess provi li kienu nġiebu f'dik il-kawża, kif jippretendi li jista' jagħmel il-konvenut. "La sentenza è pertanto di ostacolo a qualunque nuova indagine tendente a porre in dubbio il diritto posto in essere con la sentenza tra le stesse parti" (Fadda, Effetti della Cosa Giudicata, n. 2705). "L'effetto precipuo della cosa giudicata è di evitare ogni esame su ciò che ne formò subietto; ed una volta ammessa l'esistenza del giudicato su di un punto di *quistione, è assolutamente proibito al magistrato di* prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso" (Fadda, loc. cit., n. 2707). "La cosa giudicata, costituendo *un ostacolo a qualsiasi* esame sul merito del diritto......... ed esime da qualsiasi indagine relativa ad ogni altra eccezione proposta contro la consistenza giuridica della istanza stessa" (Fadda, loc. cit., n. 2708);

U kif iddeċediet il-Qorti ta' Għawdex fl-ewwel ta' Awissu 1840, fil-konkors tal-kredituri ta' Michele Scinia, "la regola desunta dalle L. del Cod. 'res inter alios acta ecc.' soffre delle limitazioni". 'Non procedit regula quando sententia est lata cum legitimo contradictore, id est cum eo cujus principaliter interest, et a quo alii habent jus consecutivum; quia tunc sententia facit jus quoad omnes, etiam non intervenientes et non citatos" (Scaccia, Res inter alios acta);

L-aktar ħaġa li l-barranin jistgħu jagħmlu b'sentenza f'kawża li huma ma jkunux parti fiha hija dik, mhux li jġibu provi ġodda biex jikkumbattuha, imma li jsostnuha bi provi ġodda, jew jikkontradiċuha bi provi "meħudin mill-istess ġudizzju" (Fadda, loc. cit., n. 2709);

Illi għalhekk, kif lanqas l-attur, li f'dik il-kawża kien isostni dik it-teżi, ma jista', minħabba dik is-sentenza, isostni iżjed li kien hemm dak il-ftehim, hekk ukoll ma jistax ħadd ieħor, fosthom il-konvenut, isostni l-istess ħaġa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut li biha talab ir-revoka taddeċiżjoni fuq imsemmija, u li hu jkun ammess jagħmel il-prova tal-verità tal-konviċju malgrado s-sentenza "Camilleri vs. Gatt" mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Jannar 1937;

Rat ir-risposta ta' l-attur, li biha preliminarment oppona illi l-appell hu null peress li ma ġiex magħmul fil-forma preskritta mil-liġi għall-appell minn digriet interlokutorju, u illi fil-meritu, id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hi ġusta u timmerita konferma, u talab li l-appell jiġi dikjarat null, jew, f'każ ta' eżitu ħażin ta' din id-deċiżjoni, illi tiġi konfermata d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti;

Trattat l-appell;

Wara li semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat;

Illi hu veru li l-Ewwel Qorti rriżervat id-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż—ċirkustanza li f'kontinġenzi oħra setgħet tkun indizju li d-deċiżjoni impunjata hi digriet interlokutorju, appellabili b'rikors; imma hemm żewġ elementi oħra li huma aktar qawwija biex wieħed jirritjeni li dik id-deċiżjoni hi deċiżjoni (digriet jew sentenza) definitiva. L-ewwelnett, biha ġie preġudikat il-meritu; u t-tieni, id-deċiżjoni in kwistjoni tifforma ġu-

dikat għall-Ewwel Qorti, li ma tistax ċertament tirrevokahx "contrario imperio" bħal fil-każ ta' digrieti interlokutorji (ar. sent. App. "Tabone vs. Borg Olivier", 29. 4. 25; Vol. XXVI pag. 115; u "Busuttil vs. Dr. Mallia", 1 ta' Ġunju 1925);

Għalhekk l-appell mhux null minħabba irritwalità;

Fil-meritu;

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti. Fil-kawża l-oħra, li fuqha gie bażat in-"non bis in idem", l-attur ta' allura u odjern kien qiegħed jirreklama ħlas in bażi għal ftehim li l-Qorti ddikjarat li ma kienx jeżisti. F'din il-kawża l-attur ta' allura u odjern qed ifittex lil persuna oħra għal danni minħabba libell, li sostanzjalment jikkonsisti f'dak il-ftehim;

Apparti mir-rekwiżiti ta' l-"eadem res" u "eaedem personae", hu ovvju li ma hemmx l-istess "causa petendi", rekwiżit ieħor tal-ġudikat. Il-kawża ta' din id-domanda — apparti li hi kontra persuna diversa—ma għandhiex x'taqsam ma' dik tal-kawża l-oħra. F'dik kienet azzjoni ta' kanonizzazzjoni pretiża bażata fuq il-ftehim allegat, u bl-azzjoni l-attur ried jottjeni l-ħlas; f'din, inveċe, hemm azzjoni ta' libell, fejn l-attur irid jirreintegra r-riputazzjoni tiegħu, li hu jallega li ġiet offiża. "Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se una seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità colla 'causa petendi', già sperimentata in altra precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonchè alla legge invocata, ma altresì al diritto conteso, all'intento ed al fine che la parte si propone di conseguire" (Temi, V, 21, 487);

L-akbar raguni, però, li għaliha s-sentenza ta' qabel ma tistax tkun ta' ostakolu għat-talba tal-prova tal-verità tal-konviċju, hi dik illi l-publikazzjoni nkriminata li tat lok għal din l-azzjoni ta' libell tikkostitwixxi "fatt posterjuri" għal dik is-sentenza; u hu paċifiku illi "l'azione che sorge da un fatto posteriore al giudicato non può contenere l'"eadem causa petendi', che è una delle condizioni essenziali della cosa giudicata" (Corte Supr. 16. 1. 86);

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell interpost mill-konvenut, tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tiddikjara illi s-sentenza mogħ-

tija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Beltram Camilleri vs. Giovanni Gatt" fl-14 ta' Jannar 1937 ma hijiex ta' ostakolu għat-talba tal-konvenut li jipprova l-verità tal-fatti fis-sens ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur.